**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**-vs-**

**Floyd Attard, detentur tal-karta tal-identita` numru 400284M**

***Kump. Nru. 206/2017***

Illum 16 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Floyd Attard talli:

B'diversi atti maghmulin minnu, anki jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda –

1. Nhar it-08 t'April, 2017, f'xi hin bejn id-9pm u l-11:35pm gewwa Rahal Gdid, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn gewwa vettura bin-numru BCG275 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Romina Agius Cutajar u / jew persuna jew persuni ohra;

   Ukoll talli-

2. Fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' April, 2017, ikkommetta serq ta' diversi *laptops* u / jew oggetti ohra minn JET Services Ltd., sitwat gewwa Triq Notabile, Mriehel, Birkirkara, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-ammont ta` €2,329.37 u bil-hin ghad-detriment tas-sid jew sidien ta' l-imsemmi stabbiliment u/jew ta' persuna, persuni, entita` u / jew entitajiet ohra;

3. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara

ma tiskorrix l-ammont ta' €250, ghad-dannu ta' sid jew sidien ta' JET Services Ltd u/jew ta' persuna, persuni, entita` u / jew entitajiet ohra;

4. Fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' April, 2017, ikkommetta serq ta' *torch light* u / jew oggetti ohra minn MET, Triq l-Iskola Teknika, (Zona Industrijali, l-Imriehel), Birkirakara, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin, ghad-detriment ta' John Camilleri u/jew ta' persuna, persuni, entita` u / jew entitajiet ohra;

5. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta' €2,500, iżda iżjed minn €250, ghad-dannu ta' John Camilleri u/jew ta' persuna, persuni, entita` u / jew entitajiet ohra;

6. Fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' April, 2017, bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq minn Paul Tonna and Sons Ltd., Qormi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu u li kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin ghad-detriment tas-sid jew sidien ta' l-imsemmi stabbiliment u/jew ta' persuna, persuni, entita` u / jew entitajiet ohra;

7. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija ta' iżjed minn €2,500 ghad-dannu tas-sid jew sidien ta' ta' Paul Tonna and Sons Ltd. u/jew ta' persuna, persuni, entita` u / jew entitajiet ohra;

Nakkuzah ukoll talli:

8. F'xi hin bejn il-5pm tas-26 ta' April, 2017, u s-7am tat-28 ta' April, 2017, gewwa Rahal Gdid ikkommetta serq ta' cwievet minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni TFH803 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Consiglia Camilleri, il-Fondazzjoni Hajja Indipendenti u / jew ta' persuna, persuni, entita` u / jew entitajiet ohra;

9. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi gewwa Rahal Gdid ikkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni TFD422 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-ammont ta` €2,329.37, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Consiglia Camilleri, il-Fondazzjoni Hajja Indipendenti u / jew ta' persuna, persuni, entita` u / jew entitajiet ohra;

Nakkuzah ukoll talli:

10. Fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' April, 2017, ikkommetta serq ta' flus kontanti u / jew oggetti ohra minn Caprice Ltd., sitwat gewwa Haz Zebbug, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta` €2,329.37 u bil-hin ghad-detriment tas-sid jew sidien ta' l-imsemmi stabbiliment u/jew ta' persuna, persuni, entita` u / jew entitajiet ohra;

11. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija ta' iżjed minn €2,500 ghad-dannu ta' Caprice Ltd. u/jew ta' persuna, persuni, entita` u / jew entitajiet ohra;

12. Fil-lejl ta' bejn l-01 u t-02 ta' Mejju, 2017, ikkommetta serq ta' flus kontanti u / jew oggetti ohra minn Rouge sitwat gewwa Triq l-Isqof Labini, Birkirkara, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin ghad-detriment ta' Christine Sant Fournier u/jew ta' persuna, persuni, entita` u / jew entitajiet ohra;

13. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta' €2,500, iżda iżjed minn €250, ghad-dannu ta' Christine Sant Fournier u/jew ta' persuna, persuni, entita` u / jew entitajiet ohra;

Nakkuzah ukoll talli b'diversi atti maghmulin minnu, anki jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

14. Xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew, xjentement, b'kull mod indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

15. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort'ohra minn dik moghtija mill-Awtorita dwar xi vettura bil-mutur partikolari;

16. U aktar talli bidel, irranga mill-gdid jew hassar marka ta' registrazzjoni ta' vettura fuq vettura bil-mutur jew xort'ohra baghbas mal-pjanci tar-registrazzjoni ta' vettura bil-mutur;

17. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, bhala s-sid, is-sewwieq u / jew il-persuna nkarigat u / jew responsabbli minn vettura tal-ghamla Maruti 1000 bin-numru ta' registrazzjoni BAC872, halla fit-triq jew f'post pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr licenza mahruga mill-Awtorità u mgedda kull sena u kif ukoll minghajr ma kellha d-diska tal-licenza imwahhla fuq in-nahha tax-xellug tal-*windscreen* b'mod li tidher minn quddiem;

18. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, bhala s-sid, is-sewwieq u / jew il-persuna nkarigat u / jew responsabbli minn vettura tal-ghamla Maruti 1000 bin-numru ta' registrazzjoni BAC872, saq l-istess vettura minghajr ma kienet kopert b'polza t'assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni;

Nakkuzah ukoll talli nhar l-04 ta' Mejju 2017 fl-10am-

19. Naqas milli jidher fl-Ufficcju ta' l-Ispettur James Grech gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, Floriana, hekk kif ordnat mill-uffiċjal tal-kustodja nhar it-02 ta' Mejju, 2017;

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta ma Floyd Attard bhala recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara dan li kien misjub hati ta' sentenza jew sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-vettura Maruti 1000 bin-numru ta' registrazzjoni BAC872, kif mahsub f'Artikolu 3(2)(c)(i) ta' Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta jew b'żieda mal-pieni indikati fl-istess sub-paragrafu, twaħħal multa oħra li tkun daqs il-valur tal-vettura bil-mutur kif mahsub f'Artikolu 3(2)(c)(ii) ta' Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar kif mahsub f'Artikolu 3(2A) ta' Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghndhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru, 2017, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Il-Qorti qiset li t-tieni, il-hames, is-seba, il-hdax u it-tlettax l-imputazzjoni servew ta' mezz ai fini ghar-reati ta' serq relattivi li qed tinstab htija

dwarhom kif ukoll li l-akkuza numru erbatax nghatat bhala alternattiva ghall-istess akkuzi ta' serq. Ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza ta' ricettazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, fejn jirrizulta li l-imputat ma jezitax jisraq dak li jfettilu sabiex ikompli jiffinanzja l-vizzju tad-droga li ilu mahkum minnu. Ittiehdet konsiderazzjoni ukoll tal-fedina penali voluminuza tal-imputat u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 31, 41, 49, 50, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271(g), 278, 279(a)(b), 280, 281, 289, 325(1)(a)(b)(d) u 355AL(4)(5) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolamenti numri 13,17(1)(2) u 44(4)(5)(7)(a)(c) tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, (A.L. 198 tal-2009, L.S.368.02), fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal sitt snin prigunerija.

Inoltre` ai termini tal-Artikolu 3(2A) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena millum.

In vista tal-fatt li ma jirrizultax il-valur tal-Maruti 1000 bin-numru ta' registrazzjoni BAC872 li hi registrata f'isem Anthony Tanti ta' Topper Auto Dealer,[1] il-Qorti giet prekluza milli tapplika d-disposizzjoni tal-Artikolu 3(2)(c)(ii) tal-imsemmija Ordinanza.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €1,733.32 rapprezentanti l-spejjez peritali. Inoltre` mill-process verbal esebit[2] in atti jirrizulta li l-espert Perit Mario Cassar ghadu ma pprezentax ir-relazzjoni tieghu u/jew ghadu ma espletax l-inkarigu lilu moghti, u ghalhekk ma jistghux jigu determinati definittivament l-ispejjez peritali dovuti lil dan l-espert. Ghalhekk il-hati, ai termini tal-istess artikolu, ghandu jhallas l-ammont ta' €1,733.32, kif ukoll dawk l-ispejjez tal-espert in konnessjoni ma dawn il-proceduri li ghad iridu jigi determinati mir-Registratur ai termini tal-Artikolu 392C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[1] Fol.60

[2] PV327/2017 esebit a fol. 248 et seq

Kif ukoll il-Qorti tirrikmanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex Floyd Attard jinghata l-ghajnuna kollha minnufih  biex jeghleb il-vizzju tad-droga inkluz li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**